A.L. 132 ta' l-2008

ATT DWAR L-AKKWIST TA' PROPRJETÀ IMMOBBLI MINN PERSUNI MHUX RESIDENTI (KAP. 246)

Ordni ta' l-2008 dwar Żona ta' Metropolis Plaza, Gzira, bħala Żona Speċjali Msemmija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 2 u 8 ta' l-Att dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli minn Persuni Mhux Residenti, il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment għamel dan l-ordni li ġej:–

Titolu.

1. It-titlu ta' dan l-Ordni hu Ordni ta' l-2008 dwar Żona ta' Metropolis Plaza, Gżira, bħala Żona Speċjali Msemmija.

Tismija ta' Żona Speċjali.

2. Iż-Żona Metropolis Plaza, Gżira li tikkonsisti fi proprjetà immobbli sitwata fiż-żona delineata bl-aħmar fil-Pjanta tar-Reġistru ta' l-Artijiet annessa ma' dan l-Ordni, hija b'dan imsemmija bħala Żona Speċjali Msemmija għall-finijiet ta' l-Att dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli minn Persuni Mhux Residenti.

Żjieda ma' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att.

3. Iż-Żona Metropolis Plaza, Gżira għandha tiżdied mal-Lista ta' Żoni Skedati fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli minn Persuni Mhux Residenti.

B 2032

